# L-Aġġustar tal-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol fuq iċ-Ċensiment tal-2021: K1/2018-K3/2023

NR 044/2024 Data tal-Ħruġ: 08 ta' Marzu 2024

**L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika qiegħed joħroġ stimi riveduti tal-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol. Dawn ir-reviżjonijiet jaqblu mal-aġġornamenti taċ-ċifri tal-popolazzjoni li nħarġu minn dan l-Uffiċċju fis-26 ta' Jannar 2024 (Il-Popolazzjoni u l-Migrazzjoni: 2012-2022 (inklużi r-reviżjonijiet bejn ċensiment u ieħor), Stqarrija tal-Aħbarijiet Nru 015/2024). Fihom hemm data riveduta ta' kull sena (2018 – 2022) u ta' kull tliet xhur (K1 2018 – K3 2023) għall-indikaturi ewlenin tal-LFS.**

*Fl-2022, minn kull 100 persuna ta' bejn 15-il sena u 64 sena, 77 kienu qed jaħdmu, żieda ta' 5.4 punti perċentwali mill-2018.*



**Reviżjonijiet tal-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol: K1 2018 – K3 2023**

Dawn ir-reviżjonijiet iqisu ir-reviżjonijiet interċensali li setgħu jsiru wara l-ħruġ tar-riżultati taċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u d-Djar tal-2021. Hija l-prassi tal-istatistika li tuża ċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u d-Djar, li jsir kull 10 snin, bħala bażi għar-reviżjoni tal-punti ta' riferenza. L-istimi riveduti tal-LFS jolqtu l-popolazzjoni li toqgħod fi djar privati.

**Is-Suq tax-xogħol**

L-istimi riveduti tal-LFS juru li r-rata tal-attività żdiedet minn 74.1 fil-mija fl-2018 għal 79.3 fil-mija fl-2022 (Tabella nru 1). Dan it-tkabbir deher l-aktar fiż-żieda tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Fil-fatt, ir-rata ta' attività għan-nisa żdiedet bi 8.9 punti perċentwali, filwaqt li dik għall-irġiel kibret b'1.4 punti perċentwali f'dan il-perjodu ta' ħames snin.

**Il-karatteristiċi tax-xogħol**

Fl-2022, minn kull 100 persuna ta' bejn 15-il sena u 64 sena, 77 kienu qed jaħdmu, żieda ta' 5.4 punti perċentwali mill-2018. Ir-rata ta' impjieg għall-irġiel u n-nisa żdiedet b'1.7 u 9.0 punti perċentwali, rispettivament (Tabella nru 1, Ċart nru 1).

## Ċart nru 1. Ir-rata tal-attività maqsuma bis-sess




Fl-istess sena, is-sehem tan-nisa ħaddiema full-time laħaq it-80.3 fil-mija (Tabella nru 3). Bħala medja, mill-2018 sal-2022 sehem l-irġiel impjegati full-time kien ta' 92.9 fil-mija.

Matul dan il-perjodu ta' ħames snin, dehret żieda fin-numru ta' professjonisti. Fl-2022, data tal-LFS uriet li aktar minn wieħed minn kull ħamsa tal-impjegati kienu professjonisti (Tabella nru 5). L-akbar sehem ta' persuni impjegati kienu mqabbdin fl-amministrazzjoni pubblika, id-difiża, l-edukazzjoni, is-saħħa tal-bniedem u l-ħidma soċjali. Dawn kienu segwiti mill-qrib min-nies li kienu jaħdmu fil-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, fit-trasport u l-ħażna, l-akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel (Tabella nru 4).

**Il-karatteristiċi tal-qgħad**

Fl-2022, ir-rata tal-qgħad kienet ta' 3.5 fil-mija, tnaqqis ta' 0.5 punti perċentwali meta mqabbla mal-2018. Fis-snin kollha murijin f'din l-istqarrija, ir-rata tal-qgħad laħqet medja ta' 4.0 fil-mija. L-ogħla rata kienet irrekordjata fl-2020, b'4.9 fil-mija (Tabella nru 1). Fis-snin kollha, l-ogħla għadd ta' persuni qiegħda kien irreġistrat fost il-kategorija ta' dawk bejn il-25 u l-34 sena (Tabella nru 2).

**Il-livell edukattiv milħuq**

Fl-2022, is-sehem tal-popolazzjoni minn 15-il sena 'l fuq li kellu livell baxx ta' edukazzjoni naqas bil-kbir b'mod li wera tnaqqis ta' 8.3 punti perċentwali meta mqabbel mal-2018. Min-naħa l-oħra, in-nies minn 15-il sena 'l fuq li laħqu livell medju ta' edukazzjoni żdiedu minn 29.5 fil-mija għal 33.9 fl-istess żmien. Barra minn dawn, fl-2022 kwart tal-popolazzjoni minn 15-il sena 'l fuq kisbet livell għoli ta' edukazzjoni (Tabella nru 6, Ċart nru 2).

## Ċart nru 2. L-ogħla livell edukattiv milħuq (il-popolazzjoni minn 15-il sena 'l fuq)

Choose Chart Type

